



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2025
COM(2025) 460 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, dwar reviżjoni tal-Ftehim Internazzjonali u l-Istatuti Organiċi, ir-Regoli Organiċi, ir-Regoli Finanzjarji u r-Regoli Ġenerali u testi oħra tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali

ANNEX

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' REVIŻJONI TAT-TESTI BAŻIĊI TAL-ORGANIZZAZZJONI DINJIJA GĦAS-SAĦĦA TAL-ANIMALI (WOAH)

1. Fil-qafas tal-Kumitat ta' Rieżami tal-Governanza (GRC, Governance Review Committee) stabbilit b'segwitu għar-Riżoluzzjoni Nru 12 adottata mill-Assemblea Dinjija tad-Delegati tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Animali (WOAH) fit-30 ta' Mejju 2024, li tipprovdi forum ta' negozjar li jinkludi s-Sħubija fid-WOAH b'rappreżentanti minn kull reġjun, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li huma Membri tal-GRC li jirrappreżentaw ir-Reġjun tal-Ewropa tad-WOAH se jirrappreżentaw lill-Unjoni bħala n-negozjatur tagħha u se jimmiraw lejn emendi tat-Testi Bażiċi tad-WOAH li jiżguraw il-flessibbiltà u l-adattabbiltà tal-arranġamenti ta' governanza meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv is-sitwazzjonijiet li qed jevolvu.
2. In-negozjatur għandu jagħmel ħiltu biex jikseb eżitu negozjat komprensiv, li jinkludi l-oġġettivi u l-prinċipji deskritti hawn taħt, fid-dawl ta' Testi Bażiċi riveduti tad-WOAH li jkunu adattati għall-iskop tagħhom u kapaċi jappoġġaw Organizzazzjoni effiċjenti, effettiva u sostenibbli fil-futur. Matul dan il-proċess, ir-rappreżentanti ta' daww l-Istati Membri li huma Membri tal-GRC awtorizzati li jinnegozjaw f'isem l-Unjoni għandhom jikkoordinaw, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, mal-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill.
3. Fir-rigward tal-eżitu mixtieq tan-negozjati, it-Testi Bażiċi riveduti tad-WOAH jenħtieġ li jfittxu li:
 - a. jikkonsolidaw il-mandat tad-WOAH u ssaħħu r-rwol tagħha fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-mandat tagħha fil-livell globali u reġjonali, filwaqt li jistabbilixxu arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u partijiet ikkonċernati mhux governattivi inkluż billi jqisu l-approċċ tal-Unjoni "Saħħa Waħda";
 - b. jiċċaraw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tas-Segretarjat tad-WOAH inkluż r-Rappreżentanti Reġjonali u Subreġjonali tiegħu u daww tad-Delegati tal-Membri tiegħu, kif ukoll il-korpi ta' governanza tad-WOAH bħall-Assemblea Dinjija tad-Delegati, il-Kunsill u l-Kummissjonijiet Reġjonali;
 - c. jippermettu lill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika li lilhom l-Istati Membri tagħha ttrasferew kompetenzi rigward kwistjonijiet relatati mal-mandat tad-WOAH biex isiru partijiet tad-WOAH, u jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħidma tal-organizzazzjoni;
 - d. isaħħu s-sistema tax-xjenza tad-WOAH billi jirrifirmaw il-korpi esperti eżistenti, filwaqt li jiżguraw iktar trasparenza u effettività fit-teħid tad-deċiżjonijiet inkluż fir-rigward tal-iffissar ta' standards internazzjonali;
 - e. jiksibu parteċipazzjoni attiva tal-Membri fil-ħidma tad-WOAH u jżidu l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali tad-WOAH mill-Membri;
 - f. jistabbilixxu mekkaniżmi finanzjarji sodi li jkunu bbażati fuq it-trasparenza, l-ekwità u s-solidarjetà, bl-għan li r-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod effiċjenti;

- g. jiffaċilitaw il-proċess ta' emendar ulterjuri tat-Testi Bażiċi tad-WOAH biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet li qed jinbidlu.
4. Jenħtieġ li r-rappreżentanti jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li t-Testi Bażiċi tad-WOAH ikunu konsistenti mad-dritt u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra.